MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2012

Numru 765/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Gianluca Torres**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Gianluca Torres, ta' disgha u tletin (39) sena, iben Vincenzo u Guseppina nee' Mirabella, imwieled gewwa Sqallija nhar l-10 ta' Frar 1973 u residenti gewwa 141, Triq l-Gheriexem, Rabat, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita numru 18571(A), akkuzat talli;

1. Nhar l- 24 ta' Lulju 2012 bejn l-11:30am u s-13:30am minn gewwa l-Millennium Chapel San Giljan, ikkometta serq ikkwalifikat bil-lok, bil- mezz u bil-valur, ta' flus kontanti liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin

euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad detriment ta’ Saviour Grima u/jew ta’ nies ohra.

2. Fl-istess data, hin, lok u circostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta’ Saviour Grima u/jew ta’ nies ohra, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni, fuq naha wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f’dawn il-proceduri u, fuq in-naha l-ohra, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija wahda mhux nadifa, il-fatt li l-imputat ma kienx l-ewwel darba li kien qed jigi misjub hati mill-Qorti rigward serq, il-fatt li l-imputat ghandu jigi kunsidrat bhala recidiv u kif ukoll il-fatt li din id-darba s-serq sehh minn gewwa Knisja.

Illi l-Qorti tinnota li t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tista’ titqies bhala mezz ai fini tal-kummissjoni

tar-reat dwar l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk l-imputat ser jigi moghti l-piena ghar-reat l-iktar gravi u dana kif previst fl-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 49, 50, 289, 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 267 u 269(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------